MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 199/2003

(App. nru. 199/2003)
Fl-Atti ta' l-Estradizzjoni
fl-ismijiet:

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Cauchi**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>.**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fit-28 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha baghtet lil George Cauchi (l-appellant odjern) taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura tieghu lejn l-Italja skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 276.

Skond l-Awtorita` ghal Procediment mahruga mill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja fl-10 ta’ Gunju, 2003 (fol. 795, 796), l-awtoritajiet tar-Repubblika ta’ l-Italja qed jitolbu t-treggigh lura f’dak il-pajjiz ta’ l-appellant li jinsab akkuzat (f’dak il-pajjiz) li:

1. ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, idderiga assocjazzjoni kif ukoll assocja ruhhu bl-iskop li jikkommetti atti ta’ kuntrabandu ta’ tabakk mahdum barra (TLE) u dan gewwa l-Italja, fil-Grecja, fil-Montenegro u fir-Renju Unit, u dan bejn l-20 ta’ Marzu, 1999 u l-15 ta’ Ottubru, 2001 bi vjolazzjoni ta’ l-Artikoli **416** Codice Penale Taljan b’riferiment ghar-reat addebitati ghall-Artikoli “**292** u **295** lett. D) DPR 23.01.1973 n.43” u l-Artikoli **2** L.50/1994 u **7** D.L. 152/1991, liema reat hu aggravat ai termini tal-Artikolu **416 bis** C.P.; kif ukoll li

2. flimkien b’assocjazzjoni ma’ ohrajn u billi ghamel uzu mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu **7** D.L. 152/1991, bl-istess risoluzzjoni u b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ikkommetta diversi delitti ta’ kuntrabandu ta’ tabakk mahdum barra (TLE) bil-konsegwenti evazjoni ta’ taxxa fuq il-valur mizjud (I.V.A.) u dan gewwa l-Italja, fil-Grecja, fil-Montenegro u fir-Renju Unit u dan bejn l-20 ta’ Marzu, 1999 u l-15 ta’ Ottubru, 2001 bi vjolazzjoni ta’ l-Artikoli “**81**, **110**, **112**, **292** u **295** lett. D) DPR 23.01.1973 n. 43” u l-Artikoli **2** L.50/1994, **7** D.L. 13.05. 1991 n.152 “conv. con mod. nella L. n. 203/1991”;

Ghall-finijiet ta’ dan l-appell ma hux necessarju li jigu riprodotti d-disposizzjonijiet kollha appena citati. Ser jigu ghalhekk riprodotti biss dawk id-disposizzjonijiet li, fil-fehma tal-Qorti, jincidu jew jistghu jincidu b’xi mod fuq wiehed jew aktar mill-aggravji ta’ l-appellant.

L-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan jipprovdi li:

**“Quando tre o piu` persone si associano allo scopo di commettere piu` delitti, coloro che promuovono o costituiscono od organizzano l’associazione sono**

**puniti, per cio` solo, con la reclusione da tre a sette anni...**
**“Per il solo fatto di partecipare all’associazione…la pena e` della reclusione da uno a cinque anni…”**

L-Artikolu 295(d) tal-ligi “D.P.R. 23 gennaio 1973, n. 42” jipprovdi, fil-partijiet relevanti li:

**“Per i delitti preveduti negli articoli precedenti[1]…alla multa e` aggiunta la reclusione da tre a cinque anni…quando il colpevole sia un associato per commettere delitti di contrabbando e il delitto commesso sia tra quelli per cui l’associazione e stata costituita.”**

<u>L-ewwel aggravju</u>.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-kwalifika taz-zewg reati, aktar ‘l fuq indikati u li fir-rigward taghhom qed tintalab l-estradizzjoni, bhala “reati ta’ estradizzjoni”. L-Artikolu 8(1) tal-Kap. 276 jipprovdi li biex reat li bih persuna tkun akkuzata fil-pajjiz rikjedent jikkwalifika bhala “reat ta’ estradizzjoni” irid jissodisfa tliet kriterji:

**A. ikun reat kopert bl-arrangament bejn il-pajjiz rikjedent (cioe` l-pajjiz li jkun qed jitlob it-treggigh lura) u Malta;**
**B. ikun reat li dwaru wiehed jista’ jehel skond il-ligi tal-pajjiz rikjedent il-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ tnax-il xahar jew aktar; u**
**C. “l-eghmil jew nuqqas li jikkostitwixxi r-reat, jew l-ghemil jew in-nuqqas ekwivalenti kien jikkostitwixxi reat kontra l-ligi ta’ Malta li kieku sar f’Malta jew, fil-kaz ta’ reat *extra*-territorjali, fl-istess cirkostanzi barra minn Malta”.[2]**

Fil-kaz in dizamina, l-appellant qed jigi akkuzat fl-Italja – fejn, jekk tintlaqa’ t-talba ghall-estradizzjoni tieghu, huwa

---

[1] Dwar kuntrabandu.
[2] “the act or omission constituting the offence or the equivalent act or omission, would constitute an offence against the law of Malta if it took place within Malta or, in the case of an extra-territorial offence, in corresponding circumstances outside Malta.”

wkoll ghandu jigi processat skond ir-rit f'dak il-pajjiz – bazikament b'zewg reati: dak li ahna nafuh bhala "conspiracy" biex wiehed jikkommetti reat (ir-reat indikat fil-partita numru 1 fl-Awtorita` ghal Procediment, *supra*) u r-reat ta' kuntrabandu aggravat (partita numru 2). Fil-kaz ta' l-ewwel reat, huwa r-reat ta' "conspiracy" fih innifsu li huwa punibbli skond l-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan (similment ara l-Artikolu 48A tal-Kap. 9), filwaqt li fir-rigward tat-tieni reat – partita numru 2 – ir-reat huwa dak ta' kuntrabandu li, skond il-ligi taljana, huwa aggravat *inter alia*, bic-cirkostanza msemmija fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 295 tal-ligi tat-23 ta' Jannar, 1973.

Issa, l-appellant mhux jikkontesta r-rekwizit **A**, cioe` li r-reat – f'dan il-kaz zewg reati – hu kopert b'arrangament bejn iz-zewg pajjizi, Malta u l-Italja. Huwa qed jikkontesta, pero`, r-rekwizit **C** u, f'certu sens ukoll ir-rekwizit **B**. In fatti l-appellant qieghed ighid, bazikament, zewg affarijiet: fir-rigward tar-reat **fit-tieni partita** huwa jikkontendi li, galadarba c-cirkostanza aggravanti tal-"conspiracy" ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ghax fiz-zmien li l-fatti gew (allegatament) kommessi (mhux f'Malta izda barra minn Malta) l-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali taghna kien ghadu ma giex fis-sehh (effettivament kienet ghadha ma ghaddietx il-ligi li biha gie introdott ir-reat ta' "conspiracy" jew assocjazzjoni – l-Att III tas-sena 2002), <u>konsegwentement ma jistax jinghad li hemm reat li fil-pajjiz rikjedent hu punibbli bi prigunerija ta' tnax-il xahar jew aktar</u>; filwaqt li fir-rigward tar-reat **fl-ewwel partita** l-appellant jikkontendi li galadarba fil-periodi bejn l-20 ta' Marzu, 1999 u l-15 ta' Ottubru, 2001 ir-reat ta' assocjazzjoni kien ghadu mhux parti mill-ligi taghna, allura jonqos ir-rekwizit ta' "double criminality" u cioe` r-rekwizit **C** aktar 'l fuq imsemmi.

Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha ssir distinzjoni cara bejn iz-zewg argumenti u bejn iz-zewg reati, cioe` dak fil-partita numru wiehed u dak fil-partita numru tnejn. A propositu tar-reat fil-partita numru tnejn (kuntabandu aggravat) din il-Qorti taghmel referenza ghal dak minnha deciz fis-7 ta' Dicembru, 2001 fil-kawza ta' estradizzjoni fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Ronald Agius***, fejn inghad hekk:

**Tajjeb li qabel xejn wiehed jezamina sew id-disposizzjonijiet tal-ligi Taljana li qed jigu invokati. Ma hemmx dubbju f'dan il-kaz, cioe` fir-rigward ta' dan it-tieni reat, li hawn si tratta ta' reat li sostanzjalment jezisti fil-ligi taghna. Il-kuntrabandu huwa kontemplat fil-ligi Taljana (ghall-anqas ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri – din il-Qorti ma tippretendix li taf il-*corpus juris* Taljan kollu) fl-Artikoli 282 u 292 tal-ligi numru 43 tat-23 ta' Jannar, 1973. Id-diversi manifestazzjonijiet ta' atti ta' kuntrabandu kolpiti b'dawn iz-zewg disposizzjonijiet huma sostanzjalment l-istess bhar-reati imsemmija f'diversi mill-paragrafi ta' l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37. Il-piena skond il-ligi taghna tinkludi dik ta' prigunerija ghal periodu ta' mhux aktar minn sentejn; u trattandosi ta' tabakk il-periodu ta' preskrizzjoni huwa ta' ghaxar snin minn meta l-oggett jigi importat. Ma hemmx dubbju ghalhekk, li ghal dik li hi piena, ir-reat ekwivalenti f'Malta jissodisfa r-rekwiziti ta' l-Artikolu 2(1) tal-*European Convention on Extradition* ghal dik li hi l-piena "in the requested State". L-ewwel qorti irriteniet li hawn ukoll ma hawnx reat ta' estradizzjoni ghax meta giet biex tikkonsidra l-piena applikabbli fl-Italja – ara r-rekwizit kemm ta' l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 8(1)(b) tal-Kap. 276 – qieset li c-cirkostanzi aggravanti li permezz taghhom il-piena fl-Italja titla' ghal mill-anqas sena (jew tnax-il xahar) ma setghetx tehodhom in konsiderazzjoni peress li dawn ic-cirkostanzi ma "jikkonfigurawx fil-ligi Maltija". Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din id-decizzjoni taghha kienet zbaljata. Ma hemm xejn la fl-Artikolu 8 tal-Kap. 276 (jew addirittura fil-Kap. 276) u anqas fil-Konvenzjoni jew fis-*Second Additional Protocol* ghal dik il-Konvenzjoni li b'xi mod jirrikjedi, ghall-fini tad-determinazzjoni tal-piena "in the requesting State", li c-cirkostanzi aggravanti jridu wkoll ikunu cirkostanzi aggravanti "in the requested State". Ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx tinjora, kif effettivament ghamlet, id-disposizzjoni tal-Artikolu 295 tal-ligi tat-23 ta' Jannar, 1973…Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel qorti, ir-reat imsemmi fil-partita numru (2) ta' l-**

**iskeda annessa ma l-Awtorita` ghal Procediment hu reat ta’ estradizzjoni ghax dana jissodisfa kemm ir-rekwizit ta’ l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni u l-Artkolu 8(1)(a) tal-Kap. 276, kif ukoll l-Artikolu 8(1)(b) tal-imsemmi Kapitolu.**

Dan kollu japplika wkoll ghall-kaz in dizamina fejn si tratta tar-reat fil-partita numru tnejn fl-iskeda annessa ma’ l-Awtorita` ghal Procediment tal-10 ta’ Gunju 2003 (fol. 795 u 796). L-unika differenza hi li fil-kaz ta’ l-appellant odjern mhux qed jigi invokat l-Artikolu 282 tal-ligi numru 43 tat-23 ta’ Jannar, 1973, izda biss l-Artikolu 292[3] li in sostanza huwa r-reat kontemplat fil-paragrafi (*h*) u (*i*) tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana. Fi kliem iehor, ir-reat ta’ kuntrabandu (partita numru tnejn) li ghalih qed tintalab l-estradizzjoni ta’ l-appellant irid jigi ezaminat <u>indipendentement</u> mic-cirkostanzi aggravanti ghal dak li huwa l-paragrafu (b) tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 276, u <u>c-cirkostanza aggravanti hi relevanti biss</u> ghall-finijiet ta’ piena u cioe` ghall-finijiet tal-paragrafu (a) tal-imsemmi Artikolu 8(1). Konsegwentement in kwantu dana l-ewwel aggravju hu mmirat lejn ir-reat imsemmi fil-partita numru tnejn fl-iskeda annessa ma’ l-Awtorita` ghal Procediment, dana l-aggravju qed jigi respint.

Jibqa’ biex jigi kunsidrat dana l-ewwel aggravju fir-rigward tar-reat fil-partita numru wiehed. Kif diga nghad l-appellant jikkontendi li biex ikun sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 8(1)(b) tal-Kap. 276 irid jirrizulta li fil-periodu li dwaru qed jigi akkuzat l-appellant, cioe` bejn l-20 ta’ Marzu, 1999 u l-15 ta’ Ottubru, 2001, ir-reat ta’ assocjazzjoni kien reat ukoll f’Malta; u li peress li f’dan il-periodu l-Artikolu 48A tal-Kap. 9 ma kienx ghadu parti mil-ligi domestika – fatt dan, li dwaru ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet – allura jigi nieqes ir-rekwizit ta’ “double criminality”. L-Avukat Generali, min-naha l-ohra, jikkontendi li z-zmien relevanti ghall-fini tar-regola tad-“double criminality” ma hux iz-zmien tal-kommissjoni tal-allegat reat izda iz-zmien ta’ meta tkun saret it-talba mill-pajjiz rikjedent.

---

[3] “Chiunque, fuori dei casi preveduti negli articoli precedenti, sottrae merci al pagamento dei diritti di confine dovuti, e` punito con la multa non minore di due e non maggiore di dieci volte i diritti medesimi.”

In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jghid li l-kliem "li kieku sar f'Malta" ("if it took place within Malta") fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 8 jirreferu ghall-passat ghax kieku l-legislatur kien juza l-kliem "li kieku jsir f'Malta" jew "li kieku kellu jsir f'Malta". Hekk ukoll, skond l-appellant, il-kliem "kien jikkostitwixxi reat"[4] jirreferi ghall-passat. L-appellant ikompli jsostni t-tezi tieghu billi jirreferi ghall-kliem uzati fl-Artikolu 15(3)(a) tal-Kap. 276:

**"…jekk il-persuna hija akkuzata bir-reat, illi l-provi jkunu bizzejjed biex jiggustifikaw li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta' Malta…"[5]**

Skond l-appellant il-kliem "li kieku kien sar", flok xi formula ohra li setghet tintuza bhal "li kieku jsir", turi li l-legislatur qed ihares lejn il-passat u cioe` lejn iz-zmien tal-allegat reat u mhux lejn iz-zmien li fih issir it-talba mill-pajjiz rikjedent. L-appellant jinvoka wkoll il-principju *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege* kif rifless fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni[6] u fl-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Fl-ahharnett l-appellant irrefera lil din il-Qorti ghas-sentenza tal-House of Lords tal-24 ta' Marzu, 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***R. v. Bartle and the Commissioner of Police for the Metropolis and others (appellants), ex parte Pinochet (respondent); R. v. Evans and another and the Commissioner of Police for the Metropolis and others (appellants), ex parte Pinochet (respondent)*** (kopja tas-sentenza giet ezibita bhala Dok. GC2).

L-Avukat Generali, min-naha tieghu (ara n-nota responsiva tas-27 ta' Novembru, 2003), jikkontendi bazikament li s-sentenza ***Pinochet*** aktar 'l fuq imsemmija,

---

[4] "…would constitute an offence…".

[5] "…where the person is accused of the offence, that the evidence would be sufficient to warrant his trial for that offence if it had been committed within the jurisdiction of the Courts of Criminal Justice of Malta…"

[6] L-appellant isemmi f'dan il-kuntest ukoll l-Artikolu 43 tal-Kostituzzjoni, pero` din il-Qorti ma tarax li dana l-artikolu hu b'xi mod relevanti, jew ta' ghajnuna ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, fil-kuntest ta' l-argument li qed jipprova jibni l-appellant.

apparti li ma tistax titqies bhala definittiva tal-problema, hija sostanzjalment ibbazata fuq konsiderazzjonijiet li ma japplikawx ghall-Kap. 276; u li qari akkurat tad-diversi disposizzjonijiet tal-imsemmi Kap. 276 juru li l-legislatur kjarament ried li ghall-finijiet tar-regola tad-“double criminality” iz-zmien relevanti ghandu jkun dak ta’ meta ssir it-talba mill-pajjiz rikjedent.

Din il-Qorti qrat bir-reqqa s-sentenza ***Pinochet*** li fuqha principalment qed jistrieh l-appellant, u hasbet fit-tul fuq l-argumenti abbilment imressqa miz-zewg partijiet f’din il-kawza, u taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Id-dritt fondamentali rifless fil-massima *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege* ma jidholx fid-diskussjoni in dizamina u anqas hu ta’ ghajnuna ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna (ghalkemm il-massima hi, kif ser naraw, importanti ghar-regola tad-“double criminality”). F’dawn il-proceduri ta’ estradizzjoni l-appellant George Cauchi ma hu qed jigi akkuzat b’ebda reat quddiem il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ta’ Malta. Il-Qorti Rimandanti u, bhal f’dan il-kaz, din il-Qorti (tal-Appell Kriminali) ma humiex imsejha biex jiddeciedu dwar il-htija o meno tal-appellant, izda biss biex jiddeterminaw jekk jezistux il-presupposti legali u fattwali li jintitolaw lill-awtorita` Ezekuttiva (il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja) li jibghat lura lill-imsemmi appellant biex dan iwiegeb ghall-akkuzi li qed jigu mressqa kontra tieghu mill-awtorita` kompetenti fir-Repubblika ta’ l-Italja. Huwa fl-Italja li huwa jista’ talvolta jigi akkuzat quddiem awtorita` gudizzjarja kompetenti, u huwa f’dak il-pajjiz li talvolta jista’ jinbeda l-process gudizzjarju ghad-determinazzjoni tal-htija o meno tieghu. Isegwi, ghalhekk, li kwalsiasi kwistjoni tan-non-retroattivita` tad-dritt penali – in kwantu tali retroattivita` hi leziva tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkuzata – tista’ tigi ezaminata biss fil-kuntest tal-ligi Taljana u minn Tribunal Taljan *si et quatenus*.

2. L-iskop tar-regola tad-“double criminality” hu sabiex jigi assigurat li l-pajjiz rikjest ma jkunx mitlub li jibghat lura fil-pajjiz rikjedent persuna imsejha biex twiegeb ghal ghemil jew nuqqas li ma jkunx meqjus bhala reat f’dak il-pajjiz

rikjest. Din ir-regola, ghalhekk, mhix intiza biex jigi determinat jekk effettivament sarx jew giex kommess reat kontra l-ligi tal-pajjiz rikjest, izda jekk dak l-ghemil jew nuqqas hux ghemil jew nuqqas li l-ligi tal-pajjiz rikjest tikkwalifika bhala li jammonta ghal reat. Kif jispjega Ivan Shearer[7]:

**The validity of the double criminality rule has never seriously been contested, resting as it does in part on the basic principle of reciprocity, which underlies the whole structure of extradition, and in part on the maxim *nulla poena sine lege*. For the double criminality rule serves the most important function of ensuring that a person's liberty is not restricted as a consequence of offences not recognised as criminal by the requested State. The social conscience of a State is also not embarassed by an obligation to extradite a person who would not, according to its own standards, be guilty of acts deserving punishment. So far as the reciprocity principle is concerned, the rule ensures that a State is not required to extradite categories of offenders for which it, in return, would never have occasion to make demand. The point is by no means an academic one even in these days of growing uniformity of standards; in Western Europe alone sharp variations are found among the criminal laws relating to such matters as abortion, adultery, euthanasia, homosexual behaviour and suicide.** (pp. 137-138).

3. Il-ligijiet li jitrattaw dwar l-estradizzjoni, galadarba ma humiex strettament ligijiet ta' natura penali – intizi, jigifieri, biex jikkwalifikaw xi ghemil jew nuqqas bhala reat u

[7] ***Extradition in International Law***, Manchester university Press, 1971. Ara wkoll G. V. La Forest ***Extradition to and from Canada***, Canada Law Book Limited, Toronto, 1977: "An extradition crime may broadly be defined as an act of which a person is accused, or has been convicted, of having committed within the jurisdiction of one state that constitutes a crime in that state and in the state where that person is found, and that is mentioned or described in an extradition treaty between those states under a name or description by which it is known in each state. This definition can be broken down into several propositions: (1) the act charged must have been committed within the jurisdiction of the demanding state; (2) it must be a crime in the demanding state; (3) it must also be a crime in the requested state; and (4) it must be listed in an extradition treaty between the two states under some name or description by which it is known in each state" (p. 42).

jippenalizzawh, bhalma hu, per ezempju, il-kaz tal-Kodici Kriminali – ghandhom jigu interpretati b'mod li, sa fejn hu possibbli, jintlahaq l-iskop li ghalih saru, u cioe` li jkun hemm ko-operazzjoni internazzjonali b'tali mod li reati ta' certa` gravita` jigu puniti fil-pajjiz fejn ikunu twettqu. Tali ligijiet, ghalhekk, ma hux mehtieg li jinghataw interpretazzjoni restrittiva – bhalma huwa l-kaz ta' ligijiet penali. Kif tajjeb osserva Lord Steyn fil-House of Lords fil-kawza ***In re Ismael*** (deciza fid-29 ta' Lulju, 1998):

**Next there is the reality that one is concerned with the contextual meaning of "accused" in a statute intended to serve the purpose of bringing to justice those accused of serious crimes. <u>There is a transnational interest in the achievement of this aim. Extradition treaties and extradition statutes, ought, therefore, to be accorded a broad and generous construction so far as the texts permit in order to facilitate extradition</u>.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

4. L-awturi Inglizi jidher li huma konkordi li sa qabel is-sentenza ta' ***Pinochet*** aktar 'l fuq imsemmija, wiehed kien necessarjament jassumi li skond il-ligi Ingliza[8] z-zmien relevanti biex wiehed jara jekk l-ghemil jew nuqqas li kien jammonta ghal reat skond il-ligi tal-pajjiz rikjedent kienx ukoll reat skond il-ligi Ingliza, kienet id-data tat-talba ghall-estradizzjoni u mhux id-data ta' meta allegatament sehhew il-fatti. Fi kliem Ivor Stanbrook u Clive Stanbrook[9]

**Although there was no previous authority on the issue, it had generally been assumed that the above test[10] for criminality was applied at the date of receipt of the extradition request ('the request date'), rather than at the date of the commission of the alleged**

[8] Extradition Act, 1989, section 2(1)(a): "In this Act, <u>except in Schedule 1</u>, 'extradition crime' means…conduct in the territory of a foreign state, a designated Commonwealth country or a colony which, if it occurred in the United Kingdom, would constitute an offence punishable with imprisonment for a term of twelve months, or any greater punishment, and which, however described in the law of a foreign state, Commonwealth country or colony, is so punishable under that law." (sottolinear ta' din il-Qorti, ara paragrafi 5 u 6 ta' din is-sentenza, *infra*).
[9] ***Extradition: Law and Practice***, OUP, 2nd ed., 2000.
[10] Taht l-Artikolu 2(1)(a), f.n. 8.

**offence which was the subject of the extradition request ('the conduct date').** (p. 23)[11]

5. Din il-Qorti qrat bl-akbar reqqa l-opinjoni ta' Lord Browne-Wilkinson fis-sentenza ***Pinochet*** invokata mill-appellant, u tosserva li ghalkemm f'certi partijiet l-gharef imhallef jirreferi ghal disposizzjonijiet u/jew espressjonijiet fil-ligi Ingliza li huma simili hafna ghal dak li wiehed isib (fit-test Ingliz) tal-Kap. 276, ir-raguni fondamentali ghala gie deciz li wiehed ghandu jhares lejn "the conduct date" milli lejn "the request date" kienet ghax il-ligi Ingliza ghadha taghmel referenza ghall-Extradition Act, 1870. In fatti fl-opinjoni ta' Lord Browne-Wilkinson hemm analizi tat-tliet tipi, jew kif isejhilhom hu "classes", ta' estradizzjoni li huma possibbli taht l-Extradition Act, 1989. Huwa principalment minhabba t-tielet klassi ta' estradizzjoni li gie deciz li wiehed ghandu jhares lejn "the conduct date" u mhux lejn "the request date", u dan peress li f'din il-klassi l-Extradition Act, 1870 jaghmel referenza espressa ghal "the date of the alleged crime":

**Finally, the third class of case consists of those cases where there is an Order in Council in force under the Extradition Act 1870. In such cases, the procedure is not regulated by Part III of the Act of 1989 but by Schedule 1 to the Act of 1989: see section 1(3). Schedule 1 containes, in effect, the relevant provisions of the Act of 1870, which subject to substantial amendments had been in force down to the passing of the Act of 1989. The scheme of the Act of 1870 was to define "extradition crime" as meaning "a crime which, if committed in England…would be one of the crimes described in the first schedule to this Act": section 26. The first schedule to the Act of 1870 contains a list of crimes and is headed:**
**"The following list of crimes is to be construed according to the law existing in England…*at the date of the alleged crime*, whether by common law or by**

[11] Ara wkoll Alun Jones ***On Extradition and Mutual Assistance***, Sweet & Maxwell (London), 2001, pp. 45-47.

**statute made before or after the passing of this Act". (emphasis added)**
**It is therefore quite clear from the words I have emphasised that under the Act of 1870 the double criminality rule required the conduct to be criminal under English law at the conduct date not at the request date. Paragraph 20 of Schedule 1 to the Act of 1989 provides:**
**"'extradition crime', in relation to any foreign state, is to be construed by reference to the Order in Council under section 2 of the Extradition Act 1870 applying to that state as it had effect immediately before the coming into force of this Act and to any amendments thereafter made to that Order;"**
**Therefore in this class of case regulated by Schedule 1 to the Act of 1989 the same position applies as it formerly did under the Act of 1870, i.e. the conduct has to be a crime under English law at the conduct date. It would be extraordinary if the same Act required criminality under English law to be shown at one date for one form of extradition and at another date for another. But the case is stronger than that. We were taken through a trawl of the travaux preparatoires relating to the Extradition Convention and the departmental papers leading to the Act of 1989. They were singularly silent as to the relevant date. But they did disclose that there was no discussion as to changing the date on which the criminality under English law was to be demonstrated. It seems to me impossible that the lagislature can have intended to change that date from the one which had applied for over a hundred years under the Act of 1870 (i.e. the conduct date) by a side wind and without investigation.** (sottolinear ta' din il-Qorti)[12].

6. Id-decizjoni fil-kaz ***Pinochet***, ghalhekk, hi marbuta hafna ma' interpretazzjoni partikolari u specifika ta' Att tal-Parlament Ingliz tal-1870 li inzamm fis-sehh proprju ghall-

[12] Ara Stanbrook, I. u Stanbrook, C. ***Extradition: Law and Practice***, *op. cit.* pp. 474 sa 480 fejn hemm riprodott "Schedule 1" intestat "Provisions deriving from Extradition Act 1870 and Associated Enactments".

finijiet, *inter alia*, ta' definizzjoni ukoll specifika ta' "extradition crime" li hija differenti minn dik moghtija fl-Artikolu 2(1)(a) tal-Extradition Act, 1989. Fil-kaz tal-Kap. 276 ma ghandna ebda stramberija simili. Anzi, mhux talli d-disposizzjonijiet tal-Extradition Act, 1870 ma gewx inkorporati fil-ligi taghna, talli bl-Artikolu 30(1) tal-Att XVIII ta' l-1978 kif originarjament promulgat, l-"Extradition Acts 1870 to 1932" gew imhassra, u nzammu biss fis-sehh dawk l-"arrangamenti" ma' stati barranin, applikabbli ghall-Malta taht id-disposizzjonijiet ta' dawn il-ligijiet, li kienu hekk fis-sehh "minnufih qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att", sakemm jigu revokati, pero` bla hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' l-istess Kap. 276 (ara Art. 30). Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex issegwi b'ghajnejha maghluqa d-decizjoni fil-kaz ***Pinochet***. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fin-nota responsiva tieghu tas-27 ta' Novembru, 2003, kien ikun differenti kieku fil-ligi taghna hemm espressament – bhalma hemm fl-Artikolu 34 tal-Extradition Act, R.S.C., 1985 tal-Kanada – kliem fis sens li r-reati ta' estradizzjoni jridu jigu "construed according to the law existing in Canada at the time of the commission of the alleged offence" (ara ***United States of America v. Alain Allard and Jean-Pierre Charette*** [1991] 1 S.C.R. 861, kopja ezibita bhala Dok AG1).

7. Ghar-risoluzzjoni tal-vertenza, ghalhekk, wiehed irid imur l-ewwel u qabel kollox fuq it-test tal-ligi taghna u jinterpretah fid-dawl tar-regola tad-"double criminality" u ta' dak li nghad fil-paragrafu 3, *supra.* L-artikolu li jiddefinixxi x'inhu reat ta' estradizzjoni dwar pajjizi barranin specifikati jipprovdi hekk:

**8(1). Ghall-finijiet ta' dan l-Att, reat li bih persuna tkun akkuzata jew kienet misjuba hatja f'pajjiz barrani specifikat ikun reat ta' estradizzjoni dwar dak il-pajjiz jekk….(b) l-eghmil jew nuqqas li jikkostitwixxi r-reat, jew l-ghemil jew in-nuqqas ekwivalenti kien**

**jikkostitwixxi reat kontra l-ligi ta' Malta li kieku sar f'Malta…**[13]

**8(1) For the purposes of this Act, an offence of which a person is accused or has been convicted in a designated foreign country is an extraditable offence in respect of that country if….(b) the act or omission constituting the offence or the equivalent act or omission would constitute an offence against the law of Malta if it took place within Malta…**

8. Il-mistoqsija li issegwi hi: "Meta kien jikkostitwixxi reat li kieku sar f'Malta – fiz-zmien meta allagatament sar ir-reat barra minn Malta (kif qed jikkontendi l-appellant) jew fiz-zmien meta saret it-talba ghall-estradizzjoni (kif qed jikkontendi l-Avukat Generali)?" Hu evidenti li hemm ftit ta' divergenza bejn it-test Malti – li ghandu jipprevali, Art. 74 tal-Kostituzzjoni – u t-test Ingliz. Filwaqt li t-test Malti bl-uzu tal-kliem "kien jikkostitwixxi" u "li kieku sar f'Malta" jibghatna fil-passat, dan ma hux necessarjament hekk jekk wiehed juza l-kliem "would constitute…if it took place". Din il-Qorti hasbet fit-tul u hi tal-fehma li ghall-finijiet tal-Artikolu 8 in dizamina ma jaghmilx sens li wiehed ihares lejn id-data meta saret it-talba ghall-estradizzjoni. L-ezercizzju li jrid isir ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 8 suppost li jsir ukoll (mill-awtoritajiet tal-pajjiz rikjedent) qabel ma tkun saret it-talba ghall-estradizzjoni, b'mod li l-unika data li dak li jkun ikun fadallu biex jirreferi ghaliha fil-passat ghall-finijiet ta' twegiba ghall-mistoqsija hawn aktar 'l fuq maghmula hija d-data ta' meta allegatament sar ir-reat li fil-konfront tieghu tkun qed tintalab l-estradizzjoni. Interpretazzjoni ohra, fil-fehma tal-Qorti, semplicement ma taghmilx sens. Din l-interpretazzjoni hi, per di piu`, konsona ma' l-ezercizzju li sussegwentement – jigifieri wara li jigi determinat li hemm reat ta' estradizzjoni – irid isir mill-Qorti Rimandanti f'dak li huwa l-ezami tal-provi li jintbaghtu mill-pajjiz rikjedent: dawk il-provi iridu jkunu tali biex jiggustifika "li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-reat li kieku kien

[13] L-Artikolu 5(1)(b) li jitkellem dwar reati ta' estradizzjoni dwar pajjizi tal-*Commonwealth* specifikati huwa identiku kemm ghal dak li huwa t-test Malti kif ukoll ghal dak li huwa t-test bl-Ingliz.

sar fil-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta' Malta", Art. 15(3)(a)[14]. Fi kliem Lord Browne-Wilkinson:

**…it is in my judgment compelling that the evidence which the magistrate has to consider has to be sufficient "to warrant his trial". Here what is under consideration is not an abstract concept whether a hypothetical case is criminal but of a hard practical matter – would this case in relation to this defendant be properly committed for trial if the conduct in question had happened in the United Kingdom? The answer to that question must be "no" unless at that date the conduct was criminal under the law of the United Kingdom.**

9. Ghall-motivi premessi, l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jigi milqugh limitatament ghar-reat kontemplat fil-partita numru wiehed (1) ta' l-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment, b'mod ghalhekk li huwa ma' ghandux jitregga' lura biex iwiegeb ghal dan ir-reat.

**<u>It-tieni aggravju</u>.**

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu bazikament fis-sens li din il-Qorti ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha skond l-Artikolu 20 tal-Kap. 276 u tordna li hu jigi mehlus mill-kustodja peress li minhabba z-zmien li ghadda minn meta jinghad li sar ir-reat, ikun "ingust jew oppressiv" li huwa jitregga' lura lejn l-Italja biex iwiegeb ghall-akkuzi – f'dan il-kaz l-akkuza skond il-partita numru tnejn (2) fl-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment – li qed jingiebu kontrih mill-awtoritajiet kompetenti Taljani. Din il-Qorti ma taqbilx, u anzi tqis dana l-aggravju bhala li jirrazenta l-fieragh. Huwa minnu, kif jikkontendi l-appellant, li l-indigini ta' l-awtoritajiet Taljani jidher li nghalqet fil-15 ta' Ottubru, 2001, pero` din kienet indigini kumplikata, metikoluza u li hadet numru ta' snin. Huwa veru wkoll li t-talba ghall-estradizzjoni ta' Cauchi jidher li saret f'xi zmien fil-bidu

[14] "…the evidence would be sufficient to warrant his trial for that offence if it had been committed within the jurisdiction of the Courts of Criminal Justice of Malta".

tas-sena 2003, li d-dokumentazzjoni mehtiega ghall-finijiet ta’ l-istess estradizzjoni jidher li waslet Malta f’xi zmien fl-ahhar ta’ Marzu, 2003 u li l-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti bdew fil-5 ta’ Gunju, 2003. B’dana kollu, pero`, ma jistax jinghad li kien hemm xi dewmien esagerat jew trapass ta’ zmien tali bejn meta allegatament gie kommess ir-reat li dwaru qed tintalab l-estradizzjoni u llum, li xi Qorti tista’ tghid li jkun “ingust jew oppressiv” li l-appellant jitregga’ lura biex iwiegeb ghal tali reat. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fin-nota responsiva tieghu tas-27 ta’ Novembru, 2003 (b’referenza ghad-definizzjoni ta’ “unjust” u “oppressive” moghtija minn Lord Diplock fil-kawza ***Kakis v. Government of the Republic of Cyprus*** [1978] 2 All ER 634[15]), biex treggigh lura jista’ jitqies ingust irid jirrizulta, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li l-appellant sejjer b’xi mod jigi pregudikat kontra l-ligi fil-process kontra tieghu li talvolta jigi celebrat fl-Italja; u biex tali treggigh jitqies oppressiv irid jirrizulta (dejjem imqar fuq bazi ta’ probabbilita`) li minhabba tibdil fic-cirkostanzi personali ta’ l-appellant huwa ser isofri “hardship” li jeghleb l-esigenzi tal-ko-operazzjoni internazzjonali fl-amministrazzjoni tal-gustizzja[16]. Fi kliem iehor, irid jirrizulta lil din il-Qorti (jew lill-Qorti Kostituzzjonali) li minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 20 tal-Kap. 276 ikun “unfair” li l-appellant jitregga’ lura. Din il-Qorti, fil-kaz odjern, <u>ma tara assolutament xejn minn dan</u>. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**<u>It-tielet aggravju</u>.**

It-tielet aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li ma ngabux provi li jissodisfaw ir-rekwizit tal-paragrafu (a) tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 15. Kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali jaghmlu analizi dettaljata tad-dokumenti ezibiti. Din il-Qorti ezaminat hija stess id-dokumenti

[15] “’Unjust’ I regard as directed primarily to the risk of prejudice to the accused in the conduct of the trial itself, ‘oppressive’ as directed to hardship to the accused resulting from changes in his circumstances that have occurred during the period to be taken inro consideration…between them they would cover all cases where to return him would not be fair.” (at 638).

[16] Ara wkoll Stanbrook, I u Stanbrook, C. ***Extradition: Law and Practice*** *op. cit.* pp. 242-248.

relattivi u specjalment dawk li huma intercettazzjonijiet telefonici fejn jiffigura, direttament jew indirettament, l-appellant, kif ukoll ir-relazzjoni tal-pedinament li sar fil-11 ta' Lulju, 2000 hu hi tal-fehma – bhalma kienet il-Qorti Rimandanti – li mill-kumpless ta' dawn id-dokumenti hemm bazi ta' prova kontra l-appellant. Fi kliem iehor, kieku l-provi tressqu (ovvjament f'forma differenti) quddiem il-Qorti Istruttorja fi proceduri f'Malta bl-appellant bhala imputat, dik il-qorti kienet tkun legalment gustifikata li tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Dan, s'intendi, qed jinghad limitatament ghar-reat indikat fil-partita numru tnejn fl-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell limitatament fis-sens illi **thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza** tal-Qorti Rimandanti tat-28 ta' Ottubru, 2003 fejn dik il-qorti ordnat li l-appellant jintbaghat taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn l-Italja biex iwiegeb ghall-akkuza

*li ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, idderiga assocjazzjoni kif ukoll assocja ruhhu bl-iskop li jikkommetti atti ta' kuntrabandu ta' tabakk mahdum barra (TLE) u dan gewwa l-Italja, fil-Grecja, fil-Montenegro u fir-Renju Unit, u dan bejn l-20 ta' Marzu, 1999 u l-15 ta' Ottubru, 2001 bi vjolazzjoni ta' l-Artikoli **416** Codice Penale Taljan b'riferiment ghar-reat addebitati ghall-Artikoli "**292** u **295** lett. D) DPR 23.01.1973 n.43" u l-Artikoli **2** L.50/1994 u **7** D.L. 152/1991, liema reat hu aggravat ai termini tal-Artikolu **416 bis** C.P.*,

izda **tikkonferma l-istess sentenza** fejn dik il-qorti ordnat li l-istess appellant jintbaghat taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz biex iwiegeb ghall-akkuza

*li flimkien b'assocjazzjoni ma' ohrajn u billi ghamel uzu mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu **7** D.L. 152/1991, bl-istess risoluzzjoni u b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ikkommetta diversi delitti ta' kuntrabandu ta' tabakk mahdum barra (TLE) bil-konsegwenti evazjoni ta' taxxa fuq il-valur mizjud (I.V.A.) u*

*dan gewwa l-Italja, fil-Grecja, fil-Montenegro u fir-Renju Unit u dan bejn l-20 ta' Marzu, 1999 u l-15 ta' Ottubru, 2001 bi vjolazzjoni ta' l-Artikoli "**81**, **110**, **112**, **292** u **295** lett. D) DPR 23.01.1973 n. 43" u l-Artikoli **2** L.50/1994, **7** D.L. 13.05. 1991 n.152 "conv. con mod. nella L. n. 203/1991"*;

u wara li rat l-Artikoli 16, 18 u 21 tal-Kap. 276 tipprefiggi terminu ta' hmsitax-il gurnata mil-lum sabiex l-appellant George Cauchi ikun jista', jekk jidhirlu li xi wahda mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 276 giet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija, giet jew x'aktarx ser tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja, jipprocedi ghal rimedju skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; fl-istess hin din il-Qorti qed tgharraf lil George Cauchi b'dana d-dritt li huwa ghandu li jipprocedi skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tinfurmah li skond l-Artikolu 21(2)(a) tal-Kap. 276 hu mhux ser jitregga' lura qabel ma jghaddu hmistax-il jum mil-lum.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi mibghuta mir-Registratur lill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------